— tiċħad ir-rikors ippreżentat minn Odile Jacob quddiem il-Qorti Ġenerali kontra din id-deċiżjoni;

— tikkundanna lil Odile Jacob għall-ispejjeż kollha relatati ma' dawn il-proċeduri kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fil-kuntest ta' dan l-appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti tinvoka żewġ aggravji insostenn tal-appell tagħha.

Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, Lagardère tilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi invokat bħala eċċezzjoni l-illegalità tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-mandatarju sabiex tibbaża l-annullament tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni.

Permezz tat-tieni aggravju tagħha, li jinkludi erba' partijiet, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-preżenza tar-rappreżentant tal-mandatarju fl-amministrazzjoni ta' Editis bħala terz indipendenti tista' tiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni. Dan jirriżulta mill-iżnaturament ta' ċerti fatti, min-nuqqas ta' motivazzjoni manifesta u minn varji żbalji ta' liġi: il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' indipendenza (l-ewwel parti); il-Qorti Ġenerali ma werietx fil-motivazzjoni tagħha kif ir-rabtiet eżistenti bejn ir-rappreżentant tal-mandatarju u Editis setgħu vvizzjaw il-kontenut tar-rapport ippreżentat mill-mandatarju lill-Kummissjoni (it-tieni parti); il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u vvizzjat is-sentenza appellata b'nuqqas ta' motivazzjoni manifesta meta kkunsidrat li r-rapport tal-mandatarju kellu "influwenza deċiżiva" fuq id-deċiżjoni ta' approvazzjoni (it-tielet parti) u, fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li tannulla d-deċiżjoni ta' approvazzjoni, mingħajr ma weriet kif din kellha kontenut differenti fin-nuqqas tal-irregolaritajiet allegati (ir-raba' parti).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de grande instance de Chartres (Franza) fid-29 ta' Novembru 2010 — Michel Bourges-Maunoury, Marie-Louise Bourges-Maunoury (née Heintz) vs Direction des services fiscaux d'Eure et Loir**

**(Kawża C-558/10)**

(2011/C 46/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de grande instance de Chartres

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Michel Bourges-Maunoury, Marie-Louise Bourges-Maunoury (née Heintz)

*Konvenuta:* Direction des services fiscaux d'Eure et Loir

**Domanda preliminari**

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu V tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-Trattat li jistabbilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni waħda tal-Komunitajiet Ewropej [1], jipprekludi li d-dħul kollu ta' persuna taxxabbli, inkluż dħul Komunitarju, jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ammont massimu tat-taxxa solidali fuq il-ġid?

[1] ĠU L 152, p. 13, li sar l-Artikolu 12 tal-Kapitolu V tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2010, C 83, p. 266).

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

**(Kawża C-569/10)**

(2011/C 46/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: K. Herrmann, aġent)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet**

— tikkonstata li, billi ma ħaditx il-miżuri necessari sabiex tiżgura li l-aċċess għal attività ta' prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi ma jkunx diskriminatorju fil-konfront tal-entitajiet interessati u li l-awtorizzazzjonijiet għall-eżerċizzju ta' tali attività jingħataw wara proċedura li fiha l-entitajiet interessati kollha jkunu jistgħu jippreżentaw applikazzjonijiet u fuq il-bażi ta' kriterji ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea qabel il-bidu tal-perijodu tal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet, ir-Repubblika Pollakka naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 2(2), 3(1) u 5, punti 1 u 2 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/22/KE, tat-30 ta' Mejju 1994, dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi [1];

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni tressaq tliet motivi insostenn tan-nuqqas tar-Repubblika tal-Polonja li twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 94/22/KE.

Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ssostni li r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi Pollakka fuq l-attivitajiet ġeoloġiċi u estrattivi (Prawo geologiczne i górnicze) u mir-regolament ta' applikazzjoni relattiv, li l-entità interessata għandha tissodisfa għall-finijiet tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi, huma tali li jqiegħdu lill-entitajiet li diġà joperaw fis-suq Pollakk f'sitwazzjoni favorevoli fil-konfront ta' entitajiet oħra, u dan b'mod kuntrarju għall-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fl-aċċess għal dawn l-attivitajiet.

Fit-tieni lok, il-liġi Pollakka ma tissuġġettax il-proċedura kollha tal-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi għall-proċedura prevista fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE. Il-liġi Pollakka tissuġġetta l-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi għall-ksib tad-dritt ta' xogħol f'minjieri jew ta' konċessjoni. Huwa biss il-ksib tad-dritt ta' xogħol f'minjieri li huwa ppreċedut, bħala regola ġenerali, minn proċedura tal-għoti ta' awtorizzazzjoni, u dan mingħajr ħsara, madankollu, għad-dritt ta' prijorità għal sentejn favur l-entità li tkun identifikat u ddokumentat l-operazzjoni ta' tħaffir u li tkun ippreparat id-dokumentazzjoni ġeoloġika bil-preċiżjoni meħtieġa għall-ksib tal-konċessjoni ta' tħaffir f'minjieri.

Fit-tielet lok, skont il-Kummissjoni, l-evalwazzjoni tal-offerti ppreżentati sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi ma ssirx biss fuq il-bażi tal-kriterji tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 94/22/KE. Barra minn hekk, mhux il-kriterji kollha ta' evalwazzjoni tal-offerti huma ġeneralment disponibbli jew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

---

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 262.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Bolzano (l-Italja) fis-7 ta' Diċembru 2010 — Kamberaj Servet vs Istituto per l'Edilizia Sociale della Provincia Autonoma di Bolzano (IPES), Giunta della Provincia Autonoma di Bolzano, Provincia Autonoma di Bolzano**

**(Kawża C-571/10)**

(2011/C 46/11)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Bolzano

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Kamberaj Servet

*Konvenuti:* Istituto per l'Edilizia Sociale della Provincia Autonoma di Bolzano (IPES), Giunta della Provincia Autonoma di Bolzano, Provincia Autonoma di Bolzano

**Domandi preliminari**

(1) Il-prinċipju ta' supremazija (*principe de primauté*) tad-dritt tal-Unjoni jimponi fuq il-qorti nazzjonali l-obbligu li tapplika b'mod sħiħ u immedjat ir-regoli tal-Unjoni li jkollhom effett dirett, u li ma tapplikax regoli interni li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni anki jekk dawn ikunu ġew adottati biex japplikaw prinċipji fundamentali tal-ordinament kostituzzjonali tal-Istat Membru?

(2) F'każ ta' kunflitt bejn regola interna u l-KEDB ir-riferiment tal-Artikolu 6 TUE għall-KEDB, jimponi fuq il-qorti nazzjonali l-obbligu li tagħti applikazzjoni diretta lill-Artikolu 14 u lill-Artikolu 1 tal-Protokoll addizzjonali Nru 12, u li ma tapplikax ir-regola interna inkompatibbli, mingħajr, qabel dan, ma jkollha tqajjem kwistjonijiet ta' kostituzzjonalità quddiem il-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali?

(3) Id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, l-Artikoli 2 u 6 TUE, l-Artikoli 21 u 34 tal-Karta u d-Direttivi 2000/43/KE u 2003/109/KE jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali (*rectius*: provinċjali) bħal dik li tinsab fid-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 15(3) tad-d.p.r. Nru 670/1972, tal-Artikoli 1 u 5 tal-1. p. Nru 13 tal-1998 kif ukoll fid-Deliberazione della Giunta provinciale (Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Provinċja) Nru 1865 tal-20.07.2009, fil-parti fejn għall-benefiċċji kkunsidrati u b'mod partikolari għall-hekk imsejjaħ "sussidio casa" (sussidju għad-dar) tagħti importanza liċ-ċittadinanza u tagħti lill-ħaddiema residenti li ilhom residenti għal żmien tmien u li ma jappartjenux għall-Unjoni jiġifieri lill-persuni mingħajr ċittadinanza trattament agħar miċ-ċittadini residenti Komunitarji (Taljani u mhux Taljani)?

F'każ li d-domandi preċedenti jingħataw risposta affermattiva:

(4) F'każ ta' ksur tal-prinċipji ġenerali tal-Unjoni bħall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni u l-ħtieġa ta' ċertezza legali, meta teżisti leġiżlazzjoni nazzjonali ta' implementazzjoni li tippermetti lill-qorti "*tordna t-twaqqif tal-aġir li jikkawża preġudizzju u tadotta kull provvediment ieħor xieraq, skont iċ-ċirkustanzi u l-effetti tad-diskriminazzjoni*" u li timponi li "*jiġi ordnat it-twaqqif tal-aġir, tal-imġiba jew tal-att diskriminatorju, fejn ikunu għadhom jeżistu, kif ukoll it-tneħħija tal-effetti*" u tawtorizza li jiġi ordnat "*sabiex ma jiġux ripetuti, fiż-żmien stabbilit fil-provvediment, pjan ta' tneħħija tad-diskriminazzjonijiet aċċertati*", l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/43/KE, fil-parti fejn jipprovdi li s-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi, fost id-diskriminazzjonijiet aċċertati u l-effetti li għandhom jitneħħew, anki sabiex jiġu evitati diskriminazzjonijiet mhux iġġustifikati bil-maqlub, il-vjolazzjonijiet kollha li jsiru fil-konfront tad-destinatarji tad-diskriminazzjonijiet, anki jekk ma humiex parti mill-kawża?